IX-XGĦAJRA

Minuti tal-Laqgħa Nru14 (erbatax) tat-tmien (8) legislatura, tal-Kunsill Lokali x-Xgħajra li saret fil-bini amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar it-Tlieta 14 ta' Jannar, 2020, fil-5.30pm

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Neil Attard |
| Viċi Sindku | Rosabelle Pulis |
| Il- Kunsilliera | Anthony Valvo |
| | Mary Doris Borg |
| **Assenti b' Apologija:** | |
| Il-Kunsillier | Raymond Camilleri |
| **L-Uffiċjal** | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Ranier Busuttil |

Is-Sur Neil Attard ippresedja l-laqgħa.

**14.1. Item Nru 14.1 fuq l-Aġenda –Attendenza u apoloġiji.**

14.1.1 Il-Laqgħa bdiet fis-5.52pm u s-Segretarju qara l-ittra ta' apoloġija tas-Sur Raymond Camilleri u l-Kunsill ikkunsidraħ skużat.

**14.2. Item Nru. 14.2 fuq l-Aġenda –** Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

14.2.1. Minuti ttieħdu bħala moqrija u s-Sindku qal li trid tiżdied li l-Kunsill kien ftiehem li jittella' coffee morning b'xejn għall-anzjani u li jkun *self substained.* Wara din il-korrezzjoni l-Minuti ġew approvati.

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra XJR11460 – Malta
Tel: 216914269
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

**14.14 Item Nru. 14.3 fuq l-Aġenda -** Komunikazzjoni mis-Sindku

14.3.1 Is-Sindku s-Sur Neil Attard tkellem fuq il-proġett tal-*Jogging track* u qal li l-Perit Bezzina lesta l-BOQs il-ġodda u l-istima żdiedet b'mod konsiderevoli. L-istima ġiet tlaħħaq l-ammont ta' €1.4M apparti l-professional fees. Il-Kunsill qabel li nistennew it-tħabbir tal-Kabinet il-ġdid u nitolbu laqgħa mal-Ministru jew Segretarju Parlamentari assenjat.

14.3.2 Is-Sur Attard qal li l-kuntrattur tal-cameras qal li llum ser ilesti kollox u jkun jista jagħmilhom ukoll fuq il-mobile. Għalissa il-Kunsill qabel li jitħallas tal-cameras ta' ħdejn il-Knisja.

14.3.3 Is-Sindku qal li għal Trejqet il-Villeġġanti ġibna l-istimi u l-Kunsill qabel li tintgħażel l-irħas waħda. Dan ix-xogħol ser jinkludi livellar bir-romblu, tindif u jintefa materjal fil-ġnub biex ikunu jistgħu jimxu n-nies fuqu.

Fis-6.20pm il-laqgħa ġiet interrotta.

Fis-7pm tkompliet il-laqgħa

14.3.4 Is-Sur Attard qal li l-Street Elements Crew qed jagħmlu xogħol għall-komunità kollha u qed isebbħu sala fejn wieħed ikun jista jmur mingħajr ħlas biex jiżfen, idoqq u xi talenti oħra. Dan jista jkun possibbli bis-sħubija tal-Kunsill f'dan il-proġett. Il-Kunsill qabel li jidħol f'kollaborazzjoni u jiġi allokat l-ammont ta' €2000 sabiex jirrifondu lura spejjeż tax-xogħol fuq din is-sala u b'hekk il-Kunsill ikun parti minn dan il-proġett.

14.3.5 Is-Sindku qal li għandna laqgħa ma' Infrastructure Malta sabiex niġġustifikaw il-fatt li l-kwantita tal-Ground Slab ġiet tiswa id-doppju. Dan wara li l-Kunsill kien qabel li l-ground slab ma tistax issir nofsha biss. Għalhekk din il-laqgħa ser issir nhar it-Tnejn 27 ta' Jannar fil-11am.

14.3.6 Is-Sur Attard qal li ir-railing tax-Xatt ta' quddiem Triq il-Knisja għandu jsir mill-aktar fis. Is-Sindku qal ukoll li jekk ma jistax isir bil-ħaddiema għandna nqabbdu ħaddied u jagħmlu hu. Dan wara li ilna l-fuq minn sena nitolbu biex jinbidel mis-sezzjoni tal-Public Works.

IX-XGĦAJRA

14.3.7 Is-Sur Attard qal li għandna bżonn nagħmlu bollard tal-plastic fil-bidu tar-rampa ta' quddiem is-sala tal-Knisja. Dan minħabba li qed issir ħsara kbira fis-soqfa tal-premises tal-Knisja. Il-Kunsill qabel li issir din il-bollard.

14.3.8 Is-Sindku qal li għandna nerġgħu nibgħatu lis-Sur Andrew Haig dwar xogħol li ilu pendenti ix-xhur. Kulħadd qabel ma' dan.

14.3.9 Is-Sindku qal li dwar l-*interactive White board,* il-Kunsillier Raymond Camilleri diġa għamel tentattiv biex ikellem lil xi ħadd mill-Education biex jiġi ffinanzjat b'xejn minħabba li huwa fuq Edukazzjoni.

14.3.10 Is-Sindku tkellem dwar il-proġett tal-Boċċi u qal li jekk ser ikollna ninżlu sal-blat l-ispiża ser tkun għolja ħafna u li ma nkunux nistgħu niffinanzjawha. Għalhekk il-Kunsill qabel li nistennew il-laqgħa mal-Perit Buhagiar sabiex jaġġornaw il-pjanti u l-BOQs.

14.3.11 Is-Sindku qal li sal-laqgħa li jmiss ser inġibu l-kwotazzjonijiet kollha biex jitlesta x-xogħol tal- hall minn ġewwa.

14.3.12 Is-Sur Attard qal li wara li kien hemm accident mal-*bollards* ta' Triq l-Ispnott irċevejna talba għal rimbors ta' spejjeż mil-MET Towing services. Il-Kunsill qabel li jgħaddiha lill-Insurance tal-Kunsill sabiex issir il-claim.

14.3.13 Is-Sindku qal għandna kont tal-kirja tar-riċeviment li sar fis-sala tal-Knisja u is-servizz tas-sound u xiri ta' ponsjetti. Il-Kunsill qabel li jitħallas kollu.

14.3.14 Is-Sindku qal li l-proġett ta' restawr tal-Batteria Delle Grazie ġie mwarrab għaliex xogħol kbir u għal din l-iskema mhux eleġibbli. Għalhekk qiegħed jiġi kkunsidrat ir-restawr tal-Knisja ta' San Ġakbu.

**14.4 Item Nru 14.4 fuq l-Aġenda – Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

14.4.1 Is-Sinjura Rosabelle Pulis staqsiet jekk kellniex aġġornament minn Infrastructure Malta dwar ir-raised crossing. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li din ser tkun waħda mit-temi li ser nitkellmu dwarhom meta jkollna l-laqgħa ma' IM.

14.4.2 Is-Sa. Pulis staqsiet jekk jistgħu isiru crash barriers f' Dawret ix-Xatt in-naħa ta' Smart City fejn hemm id-dawra għaliex hemm periklu. Is-Segretarju qal li ser iġib stima u talba għal approvazzjoni.

14.4.3 Is-Sa. Pulis staqsiet jekk il-barrier li saret fi Triq l-Ispnott il-bajda tistax tinbidel għal waħda aktar pulita. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li ser jordna waħda.

14.4.4 Is-Sa. Pulis staqsiet jekk tistax tinbidel il-bankina ta’ Triq il-Fortizza tal-Grazzja. Is-Segretarju qal li din ser issir minn IM fix-xhur li ġejjin meta jagħmlu t-toroq ukoll.

14.4.5 Is-Sa. Pulis staqsiet jekk meta jiġu biex iwaħħlu arblu tal-GO jew xi Kumpanija oħra jitolbux permess tal-Kunsill. Is-Segretarju wieġeb fin-negattiv. Is-Sa Pulis kompliet u qalet li hemm marka li ser jitwaħħal arblu ġdid vicin ta’ Sans Souci court fi Triq Karmelo Ritchie. Is-Segretarju kompla u qal li ser ikellem lil GO.

14.4.6 Is-Sa. Pulis qalet li ser tittella’ ħarġa kulturali il-Limestone Heritage u ser jitlesta l-poster biex ikunu jistgħu jinkitbu n-nies.

14.4.7 Is-Sinjorina Doris Borg xtaqet tiskuża ruħha f’isem l-Onor. Robert Cutajar li ma setax jattendi għar-riċeviment minħabba li kien jinsab imsiefer.

14.4.8 Is-Sa. Borg qalet li l-mawra kulturali f’Għawdex kienet suċċess u ser jinġieb ir-rendikont fil-laqgħa li jmiss.

14.4.9 Is-Sa. Borg staqsiet jekk nistgħu inħeġġu l-iskola biex jikkoperaw iktar mal-inizjattivi edukattivi tal-Kunsill dan wara li ittellet l-esibizzjoni u tfal ma tantx ipparteċipaw.

14.4.10 Is-Sa. Borg staqsiet jekk jistax ikollha kuntatti ta’ persuni minn pajjiżi oħra li għandna kuntatt magħhom. Is-Segretarju wieġeb fil-posittiv.

14.4.11 Is-Sa. Borg staqsiet jekk nistgħux nerġgħu nibgħatu tfakkira lill-għaqdiet tal-lokal biex ituna proġramm ta’ attivitajiet ħalli ma nikklexxjawx flimkien.

14.4.12 Is-Sa. Borg staqsiet jekk nistgħu naħsbu fuq attivita li timmira nies li qed isofru mis-solitudni. Is-Sindku wieġeb fil-posittiv u qal li ser naħdmu fuqha sabiex noħorġu bi programm.

14.4.13 Is-Sa. Borg staqsiet ukoll jekk jistgħux isiru diskussjonijiet u sessjonijiet dwar saħħa, u l-obesita. Dan is-servizz huwa offrut mil-Ministeru tas-saħħa b’xejn. Kull ma għandna bżonn huwa li naqdu klassi ta’ 15 -il ruħ.

**14.5 Item Nru. 14.5 fuq l-Aġenda – Rapporti**

14.5.1 Ma kienx hemm rapporti.

IX-XGĦAJRA

**14.6 Item Nru. 14.6 fuq l-Aġenda - Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

14.6.1 Il-Kunsill qabel li nibdew nindividwaw dawk il-bankini li għandhom problema fil-kurduni sabiex nirranġawhom.

**14.7 Item Nru. 14.7 fuq l-Aġenda - Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

14.7.1 Pagamenti b'numru 2 ġew approvati unanimament.

**14.8 Item Nru. 14.8 fuq l-Aġenda - Approvazzjoni tal-Performance Bonus tal-Ħaddiema**

14.8.1 Is-Sindku ipprezenta l-performance Appraisal tal-Ħaddiema u irrakomanda li s-Segretarju Eżekuttiv jingħata l-*performance bonus* kollu ta' 10%. Din ir-rakkomandazzjoni ġiet issekondata mil-Kunsillier is-Sur Anthony Valvo u approvata b'mod unanimu mill-Kunsill.

Is-Segretarju irrakkomanda wkoll il-performance Bonus tal-ħaddiema is-Sa. Josette Camilleri u tas-Sa. Rita Said li jieħdu l-full 6%. Il-Kunsill laqa' din ir-rakkomandazzjoni b'approvazzjoni unanima.

**14.9 Item Nru. 14.9 fuq l-Aġenda – Mozzjonijiet**

14.9.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**14.10 Item Nru. 14.10 fuq l-Aġenda - Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

14.10.1 Il-laqgħa ntemmet fit-8.45pm

Aġġornament għal-nhar il-Ħamis 30 ta' Jannar, 2020 fil-5.30pm

________________________

Ranier Busuttil

Segretarju Eżekuttiv

________________________

Neil Attard

Sindku

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra XJR11460 – Malta
Tel: 216914269
E-Mail xghajra.lc@gov.mt